# Programm tal-Festa Esterni
# Santa Marija Ħal Għaxaq 2009

## Il-Ġimgħa 24 ta' Lulju

**8:30pm** Wine & Pizza fil-Każin mal-Kantant Augusto Cardinale.

## Il-Ħamis 30 ta' Lulju

**7:30pm** Ftuħ Uffiċjali tal-Każin Santa Marija. Programm Vokali u Strumentali fil-Pjazza ta' Ħal Għaxaq, mill-Banda Santa Marija, taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi.

**10:30pm** Riċeviment fil-Każin.

## Is-Sibt 1 ta' Awwissu

**8:30pm** Ikla Tradizzjonali tal-Kwindiċina fi Triq Gio Maria Farrugia.

## Il-Ħadd 2 ta' Awwissu

**9:00pm** 80's Visual Party flimkien ma' Dj Pierre u Dj Bluer.

## It-Tnejn 3 ta' Awwissu

**8:30pm** Karaoke Night … ma' Carmel J. Delia fil-każin flimkien ma' Timpana Night.

## It-Tlieta 4 ta' Awwissu

**8:30pm** Heineken Night u disco fil-Każin.

## L-Erbgħa 5 ta' Awwissu

**8:30pm** Serata ta' Ikel u kont b'risq Puttinu Cares fil-Pjazza ta' Ħal Għaxaq. Diversi kantanti mistiedna.

## Il-Ħamis 6 ta' Awwissu:
## 2 Day Festival: Day 1

**9:00pm** Street Concert bil-parteċipazzjoni tal-Big Band ta' Mro Joe Brown flimkien ma' diversi kantanti magħrufa.

## Il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu: Day 2

**9:00pm** Queen Live in Concert fil-Pjazza ta' Ħal Għaxaq.

## Is-Sibt 8 ta' Awwissu

**9:00pm** Visuality Part 6 ma' diversi Dj's popolari.

## Il-Ħadd 9 ta' Awwissu

**9:00pm** Ħruġ ta' Santa Marija fuq iz-zuntier u marċ mill-Banda Santa Marija ta' Ħal Għaxaq.

## It-Tnejn 10 ta' Awwissu

**6:30pm** Quddiesa fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Każin.

**9:00pm** Blue Party bil-parteċipazzjoni ta' diversi Djs ta' Radju Marija Assunta.

## It-Tlieta 11 ta' Awwissu

**8:30pm** Programm Vokali u Strumentali fl-għeluq il-75 sena tal-ewwel Banda ta' Ħal Għaxaq.

## L-Erbgħa 12 ta' Awwissu

**8.00pm** Marċ mill-banda Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien.

## Il-Ħamis 13 t'Awwissu

| | |
|---|---|
| **8.00pm** | Marċ mill-banda Santa Marija ta' Ħal Għaxaq takkumpanja l-istatwa tal-Assunta li wara tittellgħa fuq il-pedestal tagħha b'innijiet marjani. Fl-aħħar is-sezzjoni Żgħażagħ ser ittelgħa programm audio viżiv. |

## Il-Ġimgħa 14 t'Awwissu: Lejlet il-Festa

| | |
|---|---|
| **7.00pm** | Marċ mill-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun |
| **8.00pm** | Programm vokali u strumentali mill-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, taħt id-direzzjoni ta' Mro Ray Scibberras. |
| **9.45pm** | Jingħata bidu għall-ispettaklu mill-aqwa ta' nar sinkronizzat mal-mużika bl-isem ta' The Convoy. |
| **11.30pm** | Spettaklu ta' Nar tal-Art mekkanizzat fi pjazza Santu Rokku. |

## Is-Sibt 15 t'Awwissu: Jum il-Festa

| | |
|---|---|
| **10.30am** | Il-Marċ popolari mill-banda Santa Marija ta' Ħal Għaxaq mat-toroq tar-raħal. |
| **6.00pm** | Marċ mill-Banda Żejtun taż-Żejtun. |
| **7.00pm** | Ħruġ tal-purċissjoni bl-istatwa meraviljuża ta' Santa Marija. Il-Banda Żejtun tilqa l-istatwa meraviljuża ta' Santa Marija. Il-Banda Żejtun tilqa l-istatwa fuq iz-zuntier b'innijiet Marjani. |
| **7.15pm** | Il-banda Sagra Familja tal-Kalkara tkompli takkumpanja l-purċissjoni madwar it-Toroq tar-raħal. |
| **8.00pm** | Programm Mużikali fil-pjazza tar-raħal mill-Banda Żejtun taż-Żejtun taħt id-direzzjoni ta' Mro Ray Zammit. |
| **10.30pm** | Dħul ta' Santa Marija fil-knisja. |
| **11.00pm** | Marċ tan-nar mill-banda Santa Marija ta' Ħal Għaxaq bħala għeluq tal-Festa. |

## Il-Ħadd 16 t'Awwissu

| | |
|---|---|
| **10.00am** | Tluq tal-privates għax-xalata biex nieħdu pjaċir. |

## L-Erbgħa 19 ta' Awwissu

| | |
|---|---|
| **6:30pm** | Quddiesa ta' ringrazzjament għal dawk kollha li ħadmu fil-festa u wara Santa Marija tidħol fin-niċċa. |



# Programm Festi Liturġiċi
# Santa Marija Ħal Għaxaq 2009

## Il-Ħamis 30 ta' Lulju 2009 - Bidu tal-Kwindiċina

*Marija tron ta' David*

Nagħtu bidu għall-15-il ġurnata ta' preparazzjoni għall-festa tal-Assunzjoni ta' Santa Marija

**12.00pm** Mota li tħabbar il-bidu tal-kwindiċina

**6.00pm** Rużarju u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa animata mill-Kor Parrokkjali "*In Unem Deum*" Iqaddes u jippriedka l-**Kappillan Dun Mario Said**

**N.B** Fil-ġranet tal-kwindiċina, r-rużarju jingħad mill-għaqdiet reliġjużi tal-parroċċa.

## Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2009

*Marija tħeġġiġna għall-Indiema*

**6.00pm** Rużarju miż-żgħażagħ u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa animata mill-grupp taż-żgħażagħ tal-parroċċa. Grupp katina żgħażagħ. Iqaddes u jippriedka Mons Carmelo Borg, jieħu sehem **Clint Spiteri - Organista**

## Is-Sibt l-1 ta' Awwissu 2009

*Marija Sultana tal-Anġli*

**6.00pm** Rużarju u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa tal-Ħadd iċċelebrata minn **Fr.Joe Inguanez**. Janima l-kant **il-grupp tal-kitarri.**

## Il-Ħadd 2 ta' Awwissu 2009

*Marija tipproteġi lit-trabi u lit-tfal tagħna*

**6.00pm** Rużarju u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa animata mill-grupp Kura u Trobbija tat-tfal. Iqaddes u jippriedka **Dun Frans Abdilla.** Janima l-kant l-**Organista Clint Spiteri**. Waqt il-quddiesa ssir il-preżentazzjoni tat-trabi lill-Alla bl-interċessjoni t'Ommna Marija Santissima.

## It-Tnejn 3 ta' Awwissu 2009

*Marija għajnuna tal-Insara*

**6.00pm** Rużarju u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa animata mill-grupp leġjun ta' Marija. Iqaddes u jippriedka **Patri Gwakkin Mercieca OFM (Cap)**. Janima l-kant **l-Organista Mario Atanasio.**

## It-Tlieta 4 ta' Awwissu 2009

*Marija tħeġġiġna għall-indiema*

**6.00pm** Rużarju u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa animata mill-grupp ta' San Piju ta' Petralċina. Iqaddes u jippriedka **Fr. Dominic Mangani** OFM Capuccin. Il-kant ikun immexxi mill-**Organista Mario Atansio** flimkien mal-grupp stess.

## L-Erbgħa 5 ta' Awwissu 2009

*Marija mimlija bl-Ispirtu s-Santu*

**6.00pm** Rużarju u talba tal-kwindiċina

6.30pm Quddiesa animata mill-moviment kariżmatiku tal-parroċċa. Iqaddes u jippriedka Mons Karm Borg. Janima l-kant il-grupp stess.

## Il-Ħamis 6 ta' Awwissu 2009

*Marija tħeġġeġ il-qlub tat-tfal biex jersqu u jħobbu lil Ġesù*

**6.00pm** Rużarju u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa animata mill-kummissjoni Katekistika tal-parroċċa. Jieħdu sehem b'mod speċjali t-tfal tal-parroċċa. Jieħdu sehem **il-Kor tal-Kerubini**. Iqaddes u jippriedka **Mons Carm Borg.**

## Il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu 2009

*Marija Sultana tal-Anġli*

**6.00pm** Rużarju u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa animata mill-mixja **Neo Katekumenali** tal-parroċċa. Janima l-kant tal-quddiesa l-grupp tagħhom

stess. Iqaddes u jipproedka **Fr. Victor Spiteri (Cap)**.

### Is-Sibt 8 ta' Awwissu 2009

*Marija tmexxina wara Ġesù*

**6.00pm** Rużarju u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa tal-Ħadd iċċelebrata minn **Fr. Joe Inguanez**. Janima l-kant il-kor parrokkjali "*In Unem Deum*".

### Il-Ħadd 9 ta' Awwissu 2009

*Marija tifraħ bil-komunità parrokkjali*

**4.30pm** Ħruġ tal-vara ta' Santa Marija min-niċċa.

**6.00pm** Rużarju meditat u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa. Iqaddes u jippriedka l-kappillan **Fr Mario Said** u jieħdu sehem **il-grupp tal-kitarri**.

**9.00pm** Nassitu għall-ħruġ tal-istatwa ta' Santa Marija fuq iz-zuntier fost Innijiet Marjani.

### It-Tnejn 10 ta' Awwissu 2009

*Marija mimlija bil-grazzja (Omm Ġesù u Ommna)*

**6.00pm** Rużarju meditat u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa tal-okkażjoni tal-Ftuħ Uffiċċjali tal-Każin. Se tkun iċċelebrata għall-benefatturi, soċi u bandisti mejtin. Iqaddes u jippriedka **Dun Frans Abdilla** u jieħu sehem **il-grupp tal-kitarri.**

### It-Tlieta 11 ta' Awwissu 2009 - L-ewwel Jum tat-Tridu

*Jum l-Għaqdiet Soċjali*

Marija ssaħħaħ l-għaqda ta' bejnietna. Nagħtu bidu għal tliet ijiem tat-Tridu Solenni bi tħejjija spiritwali tal-festa. It-temi taċ-ċelebrazzjonijiet u riflessjonijiet li jkollna matul dawn il-ġranet, ikunu kollha dwar il-Madonna u l-ħajja nisranija Tagħha.

**6.00pm** Rużarju meditat u talba tal-kwindiċina

**6.30pm** Quddiesa kantata bil-mużika mill-kor parrokkjali taħt id-direzzjoni tad-direttriċi Josienne Grech, animata mill-kunsill Pastorali parrokkjali tal-parroċċa. Iqaddes u jippriedka **l-Kan Charles Gauci** (viċi fil-bażilika Santa Elena B'Kara). Wara l-quddiesa titkanta l-antifona, ċelebrazzjoni Ewkaristika u barka Sagramentali.

**N.B** F'dawn it-tliet ijiem ta' Tridu kif ukoll Te Deum jieħu sehem l-Organista Mario Atanasio.

### L-Erbgħa 12 t'Awwissu 2009

### It-Tieni Jum tat-Tridu

*Jum l-anzjani u l-morda. Marija faraġ tal-anzjani u l-morda.*

**6.00pm** Rużarju meditat u talba tal-kwindiċina.

**6.30pm** Quddiesa animata mill-kummissjoni pastorali. Djakonija tal-parroċċa. Fil-quddiesa jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-morda. Inħeġġu ħafna lil dawk li ilhom ma joħorġu xi ftit mid-dar sabiex jieħdu sehem f'din il-quddiesa. Min ikollu bżonn ta' trasport ikellem lil xi ħadd mill-ministri tat-tqarbin, jew lill-kappilan. Wara l-funzjoni jkun hemm bibita għall-anzjani u l-morda. Iqaddes u jippriedka l-Kan **John Cario** (direttur spiritwali tal-Kultura Marjana). Wara l-quddiesa jsir il-bews tar-relikwa lill-anzjani u l-morda, titkanta l-antifona, ċelebrazzjoni Ewkaristika u barka Sagramentali, bis-sehem tal-kor tal-parroċċa "*In Unem Deum*" taħt id-direzzjoni ta' **Josienne Grech.**

### Il-Ħamis 13 ta' Awwissu 2009 - It-Tliet Jum tat-Tridu

*Jum il-familja. Marija tħares il-familji Għaxqin*

**6.00pm** Rużarju meditat u talba tal-kwindiċina.

**6.30pm** Quddiesa animata mill-Kummissjoni Pastorali Familja tal-parroċċa. Iqaddes u jippriedka **Patri Jurgen Cucciardi Karmelitan.** Wara l-quddiesa titkanta l-antifona, ċelebrazzjoni Ewkarisitika u Barka Sagrametali. Mużika mill-kor "*In Unem Deum*" tal-parroċċa mmexxi mid-direttriċi **Josienne Grech**.

### Il-Ġimgħa 14 ta' Awwissu 2009

*Lejlet il-Festa*

**8.30am** Quddiesa kantata ta' radd il-ħajr. Imexxi l-Kan Fr. Mario Said Kappillan tal-Parroċċa. Fi tmiem il-quddiesa jitkanta t-Te Deum u l-Antifona. Jieħu sehem il-Kor tal-Parroċċa In Unem Deum.

**4.30pm** Ikollna konfessuri barranin għall-qrar.

**6.00pm** Translazzjoni bir-Relikwa tal-Madonna li toħroġ mill-bieb tal-Agunija, tinżel mal-ġenb taz-zuntier, timxi u ddur mal-istatwa ta' Santa Marija tal-ġebel fil-pjazza u tidħol mill-bieb il-kbir mmexxija mill-**Monsinjur Dun Alwiġ Deguara** flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa u l-fratellanza tas-sagrament. Mad-dħul tal-purċissjoni titkanta l-Antifona mill-Amadeus Chamber Choir.

**6.20pm** L-ewwel għasar solenni kantat

**6.30pm** Quddiesa kantata animata mill-Amadeus Chamber Choir u mmexxija mill-monsinjur **Dun Alwiġ Deguara.** Wara titkanta l-Antifona, ċelebrazzjoni Ewkaristika u barka Sagramentali.

## Is-Sibt 15 ta' Awwissu 2009

*Jum is-solennità u l-Għid tal-Assunta*

Quddies fis-6.00am, fis-7.00am, fit-8.30am, fil-11.00am u fil-5.30pm.

**8.30am** Quddiesa solenni u kantata bis-sehem tal-Amadeus Chamber Choir taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cefai. Il-Mużika hija tal-kompożitur Charles Gounaud. Il-quddiesa tkun immexxija minn **Mons Dun Alwiġ Deguara**. Wara l-Evanġelju jinseġ il-paniġierku ta' tifħir fuq it-tlugħ fis-sema ta' Santa Marija bir-ruħ u bil-ġisem minn **Patri Martin Schembri Karmelitan**. Fi tmiem il-quddiesa tindaqq l-Antifona "Assumpta est Marija" ta' Mro. Brian Cefai. Kif tispiċċa l-quddiesa jkun hemm il-bews tar-Relikwa u titkanta l- 'Ave Maria Stella'. Għal din il-quddiesa huma mistiedna l-Għaqdiet kollha tar-raħal.

**5.30pm** Quddiesa bl-omelija.

**6.15pm** It-tieni għasar solenni kantat

**7.15pm** Nassistu għall-ħruġ tal-purċissjoni bl-istatwa artistika ta' Santa Marija, maħduma mill-iskultur magħruf Malti Marjanu Gerada. Imexxi l-purċissjoni **Dun Malcolm Agius** viċi Parroku tal-Kolleġġjata ta' Bormla u l-kleru. Jieħdu sehem ukoll il-fratellanzi tal-parroċċa.

**10.30pm** Ċelebrazzjoni Marjana fuq iz-zuntier tal-knisja fejn wara l-istatwa ta' Santa Marija tidħol lura fil-knisja u titqiegħed f'postha fuq il-bradella. Titkanta l-antifona Assumpta est Marija, ssir ċelebrazzjoni Ewkaristika u barka Sagramentali bil-mużika tal-Amadeus Chamber Choir dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cefai.

## L-Erbgħa 19 ta' Awwissu 2009 - Dħul tal-Istatwa fin-Niċċa

**6.00pm** Rużarju mil-leġjun ta' Marija

**6.30pm** Quddiesa ta' ringrazzjament immexxija mill-kappillan Fr. Mario Said flimkien mal-organista Clint Spiteri. Wara nassistu għad-dħul tal-istatwa ta' Santa Marija fin-niċċa fejn jindaqq l-innu "Sabiħa".

***Biex nieħdu pjaċir vera fl-festa***

Nersqu b'mod sinċier lejn is-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin.
Inkunu ġenerużi fil-bukkett f'ġieh Santa Marija b'risq iċ-ċentru l-ġdid li se jinbena f'Ħal Għaxaq.
Inzommu quddiem għajnejna li ta' din id-dinja kollox jgħaddi u jibqa' biss kemm tassew inkunu ħabbejna lil kulħadd.
L-aktar ġieħ li nistgħu nagħtu lill-Madonna huwa li nagħtu s-sehem tagħna biex kullimkien isseħħ tassew l-għaqda.
Nagħmlu minn kollox biex ikollna purċissjoni devota u sabiħa li fiha nieħdu pjaċir b'kull mod sinċier.
Inħeġġu lil kulħadd sabiex jattendi f'dawn il-funzjonijiet.






